**17 ta' Frar, 1993**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Sammut *et noe*

*versus*

Carmelo Attard

## Interess Ġuridiku

*L-interess ġuridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

1. Is-soċjetà attriċi pprezentat iċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u ppremettiet li hija l-utilista perpetwa ta' porzjoni diviża ta' għalqa msejħa "Tal-Ħaldief" formanti parti mill-artijiet imsejħa ta' l-Eħnieq, in-Naxxar, u li l-konvenut, is-sid oriġinali, fil-kuntratt tas-7 ta' Diċembru, 1966, fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, obbliga ruħu li jibqa' jikkoltiva l-għalqa mingħajr ebda korrispettiv sakemm is-soċjetà tagħtih avviż biex jitlaq. Il-kuntratt imsemmi kien sar bejn il-konvenut u l-awtriċi ta' l-attriċi, il-kumpanija *Sunsea Planning Group Ltd.;*

Il-konvenut għalkemm interpellat biex jivvaka, irrifjuta u għalhekk il-Qorti ġiet mitluba li tikkundannah li jiżgombra;

2. Il-konvenut oppona illi, kif jidher mill-istess kuntratt huwa kien żamm parti mill-għalqa in proprjetà mentri s-soċjetà attriċi mingħaliha li xtrat l-għalqa kollha, kif jindika l-kuntratt fl-att tan-Nutar Tonio Spiteri ta' l-1 ta' Lulju, 1981. It-talba ma tistax tiġi akkolta qabel ma ssir diviżjoni ta' l-għalqa għaliex huwa qed jokkupa art li tagħha huwa ko-proprjetarju;

*Omissis;*

Fit-12 ta' Frar 1988, ġiet ippronunzjata s-sentenza li tgħid:

"Illi hija taqbel ma', taċċetta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tar-relazzjoni peritali, dotta, luċida, immotivata

tajjeb, eżawrjenti u ta' min ifaħħarha'';

u għalhekk laqgħet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż għall-konvenut;

4. Il-konvenut appella u ssottometta li huwa għandu jiġi kkundannat li jiżgombra minn *area* ta' 880 q.k. – l-*area* mmarkata ABCD fil-pjanta Dokument AD u mhux mid-944.67 q.k. – l-*area* mmarkata ABCE fl-istess pjanta;

5. Wara li saru s-sottomissjonijiet ta' l-avukati u wara li l-kawża kienet ġiet iddifferita għas-sentenza, il-Qorti sabet indizji sufficjenti sabiex twaqqaf il-prolazzjoni tas-sentenza u wara li interpellat lill-avukati tal-partijiet, irriżultalha illi:

(a) l-area **kollha** oġġett tal-kontestazzjoni, **inbniet**, u li allura l-konvenut ġie effettivament żgumbrat, anki mill-parti ta' l-għalqa li kien qed jippretendi li baqgħet tiegħu; u

(b) **is-soċjetà attriċi kienet ittrasferiet id-drittijiet kollha li kellha fuq l-art in kwistjoni u dan ġà qabel id-data tas-sentenza appellata;**

6. Kien għalxejn li l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza biex fuq dawn ir-riżultanzi, il-partijiet jaraw isibux il-mod kif jikkomponu l-vertenza, u għalhekk illum qed tingħata din is-sentenza;

7. Sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, il-kumpanija attriċi kienet ittrasferit id-drittijiet tagħha fuq l-art u b'hekk kull interess tagħha fl-azzjoni ġuridika li kienet ipproponiet kontra l-konvenut, awtomatikament spiċċa. U n-nuqqas ta' interess qatel ukoll id-dritt litiġjuż tal-kumpanija attriċi

inkwantu dan ma ġiex iddivorzjat mid-drittijiet fuq l-art u lanqas ma ġie assunt mit-terzi li akkwistaw dak l-interess;

8. L-interess ġuridiku, huwa risaput, irid jissusisti matul il-ħajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti, da parti tagħha, ma tistax tkompli bil-ġudizzju sakemm il-konvenut stess ma jurix li huwa għandu interess ġuridiku li jottjeni sentenza kontra l-attur, li dak l-interess m'għandux. Fil-każ *"de quo agimur"* dan l-interess il-konvenut ma jistax ikollu għaliex, sabiex huwa jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi hawn qegħdin fi grad ta' appell, is-sentenza li kkundannatu trid tiġi rrevokata;

Il-konvenut, għal xi raġuni jew oħra, ma aċċettax din il-loġika ġuridika u invita l-Qorti biex tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru, 1952, fl-ismijiet Giuseppe Debono *vs* Chevalier Antonio Cassar Torreggiani *et* (Vol. XXXVI.I.269). F'dak il-każ, però, il-kambjamenti effettwati fil-mori tal-kawża saru mill-**konvenut** bi preġudizzju tad-drittijiet ta' l-attur, u allura f'dawn il-każijiet, torbot il-massima *Pendente lite nihil innovetur* (Co. Litt. 344) kif proprju tikkowta dik is-sentenza. Fil-każ preżenti l-kambjament sar mis-soċjetà attriċi, u dak il-kambjament jiġġjova u mhux jiddanneġġja lill-konvenut;

9. Għaldaqstant din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata u qed tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għas-soċjetà attriċi.